**Kulleġġ San Nikola**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena**
**Frar 2012**

| | | |
|---|---|---|
| **Ir-Raba' Sena** | **Malti (Fehim mis-Smigħ)** | **Ħin: 30 minuta** |

# Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami

**Ir-Riżorsi:**

1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Se naqralkom l-istorja *Tal-Ħobż.* Ħallu l-karta magħluqa. | 3 minuti |
| 2. | Iftħu l-karta imma tiktbux. Se naqralkom il-mistoqsijiet kollha mogħtija għal darba biss. | 3 minuti |
| 3. | Se nerġa' naqralkom l-ewwel parti tal-istorja. Tiktbux għalissa. | 3 minuti |
| 4. | Issa wieġbu l-mistoqsijiet **1-6**. | 4 minuti |
| 5. | Se nerġa' naqralkom it-tieni parti tal-istorja. Isimgħu biss. | 3 minuti |
| 6. | Issa wieġbu l-mistoqsijiet **7-12**. | 4 minuti |
| 7. | Se naqralkom l-istorja kollha għat-tielet darba. Tistgħu twieġbu l-mistoqsijiet **13-20** waqt li naqra. | 5 minuti |
| 8. | Issa fadlilkom ħames minuti biex tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom. | 5 minuti |

## Tal-Ħobż

### L-Ewwel Parti

*Żgur li ħadd ma jgħaddi mingħajri. Jien Pawlu tal-Ħobż. Mhux biss indur it-toroq bil-vann abjad inbigħ il-ħobż, imma wkoll naħmih. Jien u ħuti għandna forn kbir. Ġo fih naħmu l-ħobż, kagħak, biskuttelli, galletti u bziezen.*

*Nagħmlu wkoll ħafna ħobż differenti. Nagħmlu ħobż tal-kexxun, ħobż ċkejken u tond, ħobż bħal bebbuxu u ħobż tawwali. Imma n-nies iħobbu l-aktar il-ħobż Malti.*

*Il-ħobż naħmuh billejl. Aħna nqattgħu l-lejl kollu mqajmin. Norqdu biss ftit sigħat. Kmieni filgħodu l-ħobż ikun sar. Jiena naqbad il-vann u mmur indur fl-ibliet u fl-irħula tal-qrib. F'kull post dejjem nasal fl-istess ħin. Indoqq il-ħorn tliet darbiet. B'hekk kulħadd jinduna li wasal Pawlu tal-Ħobż!*

*Sakemm jiena ndur bil-vann, ħuti jibdew ilestu l-għaġina għall-ħobż tal-għada.*

### *It-Tieni Parti*

*Il-ġimgħa l-oħra ġratli biċċa tinkiteb. Sebaħ maltemp. Ix-xita kienet traxxax irqiq il-ħin kollu. Tlaqt kmieni bil-vann. Tlaqt bħas-soltu biex inqassam il-ħobż. Għall-ewwel kollox mar tajjeb. Jiena mdorri noħroġ fix-xita. Imma ftit wara li tlaqt ir-raħal, ħassejt bħal skoss. Mill-ewwel indunajt x'kien ġara.*

*'*

*'X'waħda din!'' għidt ġo qalbi. ''Ħadt panċer!''*

*Ħriġt mill-vann u ħarist lejn ir-roti. Hekk kien. Kelli panċer fir-rota ta' wara. Ix-xita issa kienet nieżla sewwa. Ilbist il-beritta ġo rasi u bdejt naħdem. It-triq kienet kollha tajn u ċaflis. Ma tantx stajt naħdem sewwa bix-xita tfaqqa' fuqi. Ġibt il-ġakk, għollejt il-vann fuqu u bdejt naqla' r-rota. Minn ħdejja għadda trakk kbir. Kompla aktar ħasilni bl-ilma li tajjar.*

*Wara ħafna taħbit kollox kien lest. Imma jien kont imxarrab għasra. Ma stajtx nerġa' lura d-dar. In-nies ikunu jistennewni. Kelli nibqa' sejjer fi triqti nqassam il-ħobż.*

(Silta meħuda mill-ktieb '*Nies Ħbieb Tagħna*' ta' Trevor Żahra.)

## A. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

1. Tal-ħobż jismu

| | | |
|---|---|---|
| a) | Peppi. | |
| b) | Pawlu. | |
| ċ) | Pietru. | |
| d) | Paċikk. | |

2. Tal-ħobż idur it-toroq bil-vann

| | | |
|---|---|---|
| a) | aħdar. | |
| b) | aħmar. | |
| ċ) | abjad. | |
| d) | griż. | |

3. Pawlu u ħutu jaħmu

| | | |
|---|---|---|
| a) | ħobż u gallettini. | |
| b) | ħobż u bziezen. | |
| ċ) | bziezen u torti. | |
| d) | biskuttini u biskuttelli. | |

4. L-aktar li jħobbu n-nies huwa

| | | |
|---|---|---|
| a) | l-ħobż ċkejken u tond. | |
| b) | l-ħobż bħal bebbuxu. | |
| ċ) | l-ħobż tal-kexxun. | |
| d) | l-ħobż Malti. | |

5. Il-ħobż jaħmuh

| | | |
|---|---|---|
| a) | wara nofsinhar. | |
| b) | filgħodu. | |
| ċ) | filgħaxija. | |
| d) | billejl. | |

6. Sakemm ħut Pawlu jlestu l-għaġina għall-ħobż tal-għada, Pawlu

| | | |
|---|---|---|
| a) | jnaddaf il-forn. | |
| b) | jagħmel il-galletti. | |
| ċ) | jmur idur bil-vann. | |
| d) | jaħsel il-vann. | |

7. Meta kien il-maltemp Pawlu ħareġ mill-vann

| | | |
|---|---|---|
| a) | biex ibigħ il-ħobż. | |
| b) | għax beża' mix-xita. | |
| ċ) | biex inaddaf il-ħġieġa. | |
| d) | għax kellu panċer. | |

8. Kellu panċer fir-rota

| | | |
|---|---|---|
| a) | ta' wara. | |
| b) | ta' quddiem. | |
| ċ) | tax-xellug. | |
| d) | tal-lemin. | |

9. Qabel biddel ir-rota Pawlu

| | | |
|---|---|---|
| a) | ġab il-ġlekk. | |
| b) | għolla l-vann. | |
| ċ) | libes il-beritta ġo rasu. | |
| d) | fetaħ l-umbrella. | |

10. Tal-ħobż kompla jixxarrab għax tajjarlu l-ilma

| | | |
|---|---|---|
| a) | trakk kbir. | |
| b) | vann abjad. | |
| ċ) | mutur iswed. | |
| d) | karozza żgħira. | |

11. Pawlu ma setax imur lura d-dar għax

| | | |
|---|---|---|
| a) | ma setax ibiddel ir-rota. | |
| b) | in-nies kienu qed jistennewh. | |
| ċ) | ma kellux petrol. | |
| d) | kienet nieżla ħafna xita. | |

12. Pawlu

| | | |
|---|---|---|
| a) | ma setax ibiddel ir-rota. | |
| b) | kellu jitlob l-għajnuna. | |
| ċ) | sab l-għajnuna min-nies. | |
| d) | biddel ir-rota. | |

## *B.* Aqra s-sentenzi u immarka Veru jew Falz..

| | | *Veru* | *Falz* |
|---|---|---|---|
| 13. | Il-forn huwa ta' Pawlu u missieru. | | |
| 14. | Iqattgħu l-lejl kollu mqajmin biex jaħmu l-ħobż. | | |
| 15. | Meta Pawlu ħa panċer, it-triq kienet kollha tajn u ċaflis. | | |
| 16. | Biex kulħadd jinduna li wasal Pawlu tal-Ħobż, Pawlu jdoqq il-ħorn. | | |
| 17. | Il-ħobż joħorguh mill-forn f'xi nofsillejl. | | |
| 18. | F'kull post li fih Pawlu jmur ibigħ, dejjem jasal fl-istess ħin. | | |
| 19. | Il-Maltin ma jħobbuhx il-ħobż. | | |
| 20. | Pawlu ma jbigħx ħobż tal-kexxun u bziezen. | | |